**KONFERENZA STAMPA - 23 ta' Awissu 2006**

**Punti dwar inizjattivi għal ċelebrazzjoni aħjar tal-Quddiesa**

1. Animazzjoni tal-fidi permezz ta' katekeżi soda u kontinwa
   - pubblikazzjoni ta' librett mis-Segretarjat tal-Katekeżi bil-ħsieb li jgħin gruppi fil-parroċċi jagħmlu riflessjoni dwar il-Kelma ta' Alla bi tħejjija għall-Quddiesa tal-*weekend* li jkun imiss.

2. Qed jitħejjew linji gwida u materjal għal katekeżi serja marbuta ma' l-għoti tas-Sagramenti. Dan biex jgħin lill-insara li jitolbu jersqu għal xi wieħed mis-Sagramenti, biex it-tħejjija għalih twassal għal tisħiħ fil-mixja tal-fidi.

3. Animazzjoni tal-Quddiesa

   Is-Segretarjat tal-Liturġija qed jieħu ħsieb jagħmel korsijiet fl-unitajiet pastorali biex aktar persuni, li jagħtu s-servizz tagħhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, ikunu mħejjin aħjar.

   - korsijiet
     a) għall-membri tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali
     b) għall-animaturi u letturi
     ċ) għall-ministri straordinarji tat-tqarbin

4. Ġew imħejjija ħames (5) *powerpoints* dwar it-tifsira tal-Quddiesa biex jintużaw f'laqgħat li jsiru għal diversi kategoriji.

5. Għat-<u>tfal</u>:

   Qed jiġu mħejjija *handouts* li qed jintużaw fl-iskejjel u fil-parroċċi bħala preparazzjoni għal-Liturġija tal-Ħadd.

   F'diversi parroċċi qed tittieħed l-inizjattiva li, waqt il-parti tal-qari tal-Kelma ta' Alla fil-Quddiesa, it-tfal jiddaħħlu f'sala viċin il-knisja u hemm jiġu mgħejjuna b'tifsira tal-Kelma ta' Alla aktar adattata għalihom.

   Ġie ppubblikat ukoll ktejjeb għat-tfal biex jispjegalhom il-Quddiesa.

   Fl-iskejjel jiġu ċċelebrati Quddies fi gruppi żgħar biex is-saċerdot ikun jista' jfisser aħjar il-partijiet diversi tal-Quddiesa.

6. Għaż-<u>żgħażagħ</u>:

   Qed jittieħdu inizjattivi ta' Quddies animat miż-żgħażagħ. Id-dettalji qegħdin fuq il-*website* tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

Mill-istess Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ qed jiġu mħejjija:
a) pubblikazzjoni ta' ktieb ġdid tal-kant għal waqt il-Quddies.
b) *resource pack* (skemi ta' laqgħat għall-*youth leaders)* dwar il-Quddiesa.
ċ) se jitwaqqaf *working group* li jsegwi l-*liturgy teams* taż-żgħażagħ fil-parroċċi.
d) se jkun hemm tħejjija għall-*music ministry groups*.

7. Għal <u>kulħadd</u>:

Qed jiġu mħejjija fuljetti bl-isem ta' "Jum il-Mulej" biex l-insara jkunu jistgħu jsegwu aħjar il-Quddiesa.

8. Is-<u>saċerdoti</u>:

a) Fil-formazzjoni tagħhom fis-Seminarju u fil-kunventi qed jiġu mgħejjuna kif japprezzaw u janimaw bi kreattivita' il-Quddiesa.

b) (i) dwar l-omelija, isir kors apposta u s-seminaristi jagħmlu provi anki b'evalwazzjoni ħalli jagħrfu joffru l-omelija bl-aħjar mod possibbli.
(ii) għal dawk li huma saċerdoti diġa' sar seminar speċifikament fuq l-omelija.

9. F'dawn l-aħħar snin tbiddlu diversi sistemi ta' amplifikazzjoni fil-knejjes ħalli l-parteċipazzjoni tkun aktar sħiħa. F'uħud mill-knejjes diġa' twaħħlet ukoll il-*loop system* għal dawk b'diffikulta' ta' smiegħ.

10. Fejn sar żvilupp ta' bini għal familji ġodda, inbnew ċentri pastorali biex il-Quddiesa tkun aktar aċċessibbli għalihom.

F'dawn l-aħħar snin inbnew għaxar (10) ċentri pastorali, hemm tnejn oħra qed jinbnew, u saru ħames parroċċi ġodda fejn kien hemm żvilupp sostanzjali. Dan barra li ġew mibnija jew inxtraw garaxxijiet li ġew strutturati biex fihom issir iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

11. Xandir tal-Quddiesa fuq mezzi ta' komunikazzjoni.

Twaqqaf bord apposta biex jara li x-xandir tal-Quddies fuq it-televiżjoni u r-radju jsir bl-aħjar mod possibbli kemm teknikament kif ukoll liturġikament.

Segretarjat Pastorali
Arċidjoċesi ta' Malta